*KUNSILL LOKALI RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 03**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin

**Il-Gimgha 8 t'Ottubru fis-6.30 pm**

**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku (Rabat Malta) |
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson |
| Is-Sur Anthony Grixti Soler | Vici-Chairperson |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Cecilia Bonello | Membru |
| Is-Sna Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sur Franco.M Azzopardi | Segretarju Ezekuttiv |

**1.00** **<u>Aprovazzjoni tal-Minuti A02</u>**

1.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A02 tal-Kumitat Aministrattiv ta' tal-Virtu' jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Christopher Farrugia. Il-laqgħa approvat il-minuti A02.

**2.00** **<u>2. Korezzjonijiet tal-Minuti A02</u>**

2.01 Minhabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, ic-Chairperson mar ghall-item li jmiss fuq l-Agenda.

**3.00** **<u>3. Punti Mqajjma</u>**

3.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello semma li d-disinn li kien ippjana ghall-entratura ghal tal-Virtu' ser jghaddi ghal ghand il-Perit ghall-konsiderazzjonijiet taghha. Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-laqgha li l-applikazzjoni tad-DNO mill-Mepa kienet saret kif inhu preskritt kif ghandu jsir. L-iskop ta' din l-applikazzjoni hu biex taghmel tajjeb minflok ma ssir applikazzjoni ta' Full Development Plan. Is-Segretarju Ezekuttiv informa wkoll li ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni dwar is-sejha tal-Fond Specjali ta €20,000 biex dan il-progett jigi mwettaq. Waqt laqgha mas-Sinjura Cynthia Misocova ta' l-OPM, hija informat lis-Segretarju Ezekuttiv li jista' jkun hemm essenzjoni tat-twettiq tal-Progett imsemmi. Is-

Segretarju Ezekuttiv Franco.M Azzopardi, waqt il-laqgha tal-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija, kien talab informazzjoni dwar il-progress ta' l-applikazzjonijiet tal-Kumitati Amministrattivi tal-Bahrija u ta' tal-Virtu' fejn gie infurmat li s'issa ghada ghaddejja l-evalwazzjoni ta' dawn is-sejhiet ghall-fondi specjali.

3.02 Ic-Chairman, is-Sur Lino Pace Bonello staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv dwar l-inspection manholes li sfrundaw u ghandhom bzonn manutenzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv Franco.M Azzopardi informa li ghamel kuntatt mad-divizjoni tal-manutenzjoni tad-distrett li jkopri r-Rabat fejn gie infurmat li t-tiswija f'dan il-kaz trid tigi referuta lill-WSC divizjoni drenagg.

3.03 It-tabella ghad-direzzjoni ghall-Villa Messina giet irrangata.

3.04 Dwar l-izvilupp fis-Seminarju fejn ser tinbena Skola Primarja dan hemm item fl-Agenda fejn il-Punti Mqajjma fuq dan is-suggett jigu nkluzi fiha.

**4.00** **<u>4. Zviluppi dwar il-progett ta' bini ta' Skola gewwa s-Seminarju (PA 00498/10)</u>**

4.01 Is-Sur Lino Pace Bonello ntroduca s-suggett hawn fuq imsemmi. Hu sostna li l-Progett issa miexi b'ritmu mghaggel fejn il-laboratorji gew imwaqqa' hu t-thammil miexi b'ritmu mghaggel hafna. Instabu xi fdalijiet minn Zmien Puniku u ghaldaqstant ix-xoghol f'din il-parti tal-Progett gie mwaqqaf u s-sejba tal-fdalijiet Punici qed tigi nvestigata.

4.02 Is-Sur Christopher Farrugia pprezenta lil laqgha bil-Case Officer report dwar dan il-progett, bil-case number PA 00498/10. Hu kkwota partijiet mill-imsemmi rapport fejn indika fost affarijiet ohra li hemm certu kundizzjonijiet li jridu jintlaqghu bhal perezempju li zvilupp f'zoni urbani jridu jipprovdu pjanti, pjanijiet dwar it-trasport u l-implikazzjonijiet ambjentali ohra apparti li l-bini jrid jilhaq livelli accettabbli dwar spazju u facilitajiet li jkunu accettabbli ghall-bzonn ta' l-izvilupp inkwistjoni.

4.03 Dan ir-rapport jindika li jrid ikun hemm Traffic Impact Statements fejn jindika l-impatt tat-trasport fuq is-sistema ingenerali tat-traffikku apparti qrib l-iskola. Is-Seminarju jkun obbligat li jindika principji dwar il-parkegg ta' vetturi.

4.04 Is-Sur Lino Pace Bonello enfasizza l-fatt li dan l-istess rapport ma jippermettix zvilupp fejn l-istruttura jew l-attivita' li ser titwettaq taffetwa l-valur vizwali ta' l-inhawi. Is-Sur Pace Bonello kompla biex qal li, izjed minn hekk, l-awtorita' ta' l-ippjanar tinkoragixxi li kwalunkwe' zvilupp propost ikun kompatibli ma' l-ambjent ta' l-inhawi, f'dan il-kaz tal-Virtu'.

4.05 Kompla biex isostni li l-izvilupp inkwistjoni jrid ikun konformi mal-pjan lokali tal-

majjistral, sahansitra li  jkun konformi dwar id-daqs, l-gholi, il-volum u l-materjal li ma jaffettwawx il-pajsagg ezistenti u fl-ebda cirkustanza ma jikkreja impatt vizwali negattiv fuq il-pajsagg.

4.06 Is-Sur Lino Pace Bonello kkwota klawsoli mir-rapport tal- l-Case Officer fejn gibed l-attenzjoni li l-Case Officer ikkonsulta ma' diversi entitajiet inkluz l-Enemalta, fejn ir-risposta ahharija ta' l-Enemalta ma sabet l-ebda oggezzjoni ghal dan l-izvilupp.

4.07 Il-Kummissjoni Nazzjonali dwar Persuni b'Dizabilita' ghamlet verifika tal-progett apparti numru ta' konsultazzjonijiet.  Ir-rapport a' verfika t'accessibilta tal-KNPD gie ppublikat fl-4 t'Awwissu 2010.  Id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura ma sabet l-ebda oggezzjoni ghall-progett bil-kundizzjoni li s-sigar li jistghu jerghu jithawwlu jsiru fl-istess sit.  Il-hamrija li tithammel ghandha tibqa' fl-istess sit.

4.08 L-Awtorita' tar-Rizorsi (MRA) ma sabet l-ebda oggezzjoni ghal dan l-izvilupp bhal ma ghamlet it-Transport Malta li ma sabitx oggezzjoni.

4.09 Is-Sur Lino Pace Bonello informa l-laqgha li ghandhom jigu kklerifikati l-fatt fejn studenti ha jithallew jidhlu l-iskola, jigifieri mill-liema gate se jidhlu u konsiderazzjoni ghall-hin x'hin l-istudenti ha jitwasslu l-iskola.

4.10 Is-Sur Christopher Farrugia indika li ha jkun hemm car park ta' madwar 70 vettura li skond ma jidher dawn ser jintuzaw mill-istaff ta' l-iskola.  Jistaqsi ghala ma saritx impact assessment dwar it-Traffic Management ta' l-inhawi.

4.11 Is-Sur Christopher Farrugia qal li ghandna naghtu konsiderazzjoni serja dwar il-hinijiet ta' x'hin l-iskejjel sekondarja u primarja jibdew.  Is-Sur Lino Pace Bonello qal li jidher li waqt li kien hemm il-hsieb li ma jibdewx fl-istess hin, jista' jkun hemm bidla f'dan il-pjan u ghalhekk iz-zewg skejjel jibdew flimkien.

4.12 Is-Sinjura Cecilia Bonello qalet li fil-passat kien hemm skola fi Triq Godwin Ganado li din hija cara li hija ksur tar-regolamenti tal-pjan ta' zvilupp tal-majjistral.  Is-Sinjura Bonello sostniet li issa s-Seminarju minn Skola se jizviluppa f'Kullegg, u skond il-pjan ta' zvilupp ghall-majjistral dan huwa ksur ta' l-imsemmi pjan fejn tal-Virtu' huwa zona prijorita residenzjali.

4.13 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li waqt li kien qieghed idur fiz-zona inkwistjoni nnota li barra l-iskola hemm hafna karrozzi pparkjati u ghalhekk l-uzu tal-car park imsemmi fir-rapport mhux necessarjament ikun ghall-uzu ta' l-ghalliema jew impjegati tas-Seminarju.

4.14 Is-Sinjura Stephania Etienne Gatt issuggerit li seta' kien hemm funzjoni ohra.  Is-Sinjura Bonello qalet mill-esperjenza taghha l-konsiderazzjoni tat-tfal li jitwasslu mill-genituri u genituri li jzuru l-iskola ma gietx ikkonsidrata.  Dan is-suggett ghandu jkun ta' prijokupazzjoni.  Is-Sinjuri Gatt u Bonello, t-tnejn sostnew li dan l-

izvilupp ha jaffettwa lir-residenzi f'Tal-Virtu' u ghaldaqstant l-importanza li ssir Traffic Management Plan  ghal waqt il-kostruzzjoni u ghal meta tibda' tigi uzata l-iskola.

4.15 Is-Sur Lino Pace Bonello talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex issir laqgha ghar-residenti tal-Virtu', mas-Seminarju fejn jigu kjarifikati 'l hafna mistoqsijiet li tqajjmu u jkun hemm risposta diretta minghand l-izviluppaturi ta' dan il-progett. Is-Segretarju Ezekuttiv Franco.M Azzopardi qal li ser jikkonsulta u jitlob l-ghajnuna tas-Sindku Sandro Craus f'dan ir-rigward.

**5.00** **<u>5.  Zviluppi fi progett ta access ghal tal-Virtu' (Memo 094/2010)</u>**

5.01 Minhabba li ma kienx hemm izjed x'tirraporta dwar il-Progett ta' l-entratura c-Chairperson Lino Pace Bonello mar ghall-item li jmiss fuq l-Agenda.

**6.00** **<u>6.  Uzu responsabbli tal-Bring-in-sites</u>**

6.01 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li mill-gdid il-Bring-in-Sites li hemm fi Triq il-Buskett regghu gew abbuzati billi thalla skart imhallat madwarhom.  Dr.A. Grixti Soler issugerixxa li ghandha ssir ittra lill-istabillimenti fil-madwar biex juzaw tajjeb il-Bring-in-Sites u ninfurmawom li l-Kunsill Lokali tar-Rabat joffri li jigbor skart reciklabbli kuljum bhal plastic u kartun.

6.02 Sadanitant is-Segretarju Ezekuttiv informa l-laqgha li kien hemm skip vicin in-Nunzjatura li nharqet u permezz taghha inharqed skip ohra parti minn skip t'erbgha.  Il-Kuntratturi tal-Kunsill il-Green MT nehhew l-iskips mahruqin u l-iskart li kien imferrex fit-triq u kellhom jingibu zewg bins ohra minflok dawk li nharqu.

6.03 Is-Sinjura Stephania Etienne Gatt issugerit li jintuzaw Green Wardens biex inehhu l-abbuz ta' dawn il-bins.  Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-laqgha li s-Sindku Sandro Craus kien ghamel l-arrangamenti li jintbaghtu Green Warden partikolarment ghaz-zona ta' tal-Virtu' fejn jidher li dawn diga' ressqu xi whud minhabba hmieg tal-klieb.

**7.00** **<u>7.  Affarijiet Ohra</u>**

7.01 Is-Sur Lino Pace Bonello informa l-laqgha li avolja ntbaghtet ittra lis-sid tad-dar fejn tpoggew zewgt iqsari li jaghlqu l-passagg fuq il-bankina ma gara xejn. Ghaldaqstant azzjoni izjed severa ghandha tittiehed.

7.02 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello, qal li wasal iz-zmien li tittiehed azzjoni dwar is-sitt sigar li tpoggew fuq il-bankina xi ftit snin ilu li dawn mhux biss ghalqu l-passagg fuq il-bankina imma qalghu l-wicc tal-bankina.

7.03 Dr. Grixti Soler issugerixxa li ghandu jsir xi forma ta' park tal-Virtu'.  Ukoll semma

l-bzonn ta' tindif tal-Wied li sa ftit zmien ilu kien tnaddaf ftit qabel iz-zjara tal-Papa Benedittu XVI.

7.04 Is-Sinjura Stephania Etienne Gatt qalet li l-prijikopazzjoni taghha u ta' hafna residenti hija dwar is-shooting range li tinsab f'Tal-Virtu' vicin is-Seminarju u l-Kastell.

**<u>8.00</u>** **<u>Aggornament</u>**

8.01 Minhabba li l-Agenda giet ezawrita l-laqgha giet aggornata ghad-29 t'Ottubru 2010 fid-9.30 pm

| | |
|---|---|
| **Lino Pace Bonello** | **Franco.M Azzopardi** |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |